MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Numru 59/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francis Micallef)**

**Versus**

**Martin Delia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Martin Delia ta’ 47 sena iebn John u Carmela mwielda Giordimaina mweield l-Imtarfa fil-5 ta’ Diċembru 1956 u joqgħod Casa Delia Triq Marija Addolarata Raħal Ġdid detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 826356 (M)

Akkużat talli

(1) Bejn l-1 ta’ Frar 2002 u l-4 ta’ Frar 2002 minn ġewwa triq Ħal-Qormi f’Ħal-Luqa ikkommetta serq ta’ gaffa tgat-

tip Bobcat li valur tagħha huwa ta’ madwar Lm4000 billi għamel użu ta’ ċavetta falza għad-dannu ta’ Raymond Camilleri liema serq huwa aggravate bil-valur, ħin, mezz u xorta tal-ħaġa misruqa;

(2) Ukoll talli bejn ix-xhur ta’ Frar 2002 u April 2002, f’dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq l-istess gaffa għad-dannu ta’ Raymond Camilleri liema ħsara teċċedi l-ħames mitt lira Maltija;

(3) U aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi, f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruq u cioe’ gaffa tat-tip Bobcat li tiswa madwar Lm4000 meħuda jew akkwistata b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħha jew imexxiha għad-dannu ta’ Raymond Camilleri;

(4) U aktar talli sar reċidiv b’sentenza mogħtija fid-9 ta’ Diċembru 1997 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 8263 tal-1956, il-fedina penali tal-imputat, id-dokument IFR a fol 17, l-istqarrija tal-imputat, il-prova tal-identita’ tas-sentenza li ngħatat fil-konfront tal-imputat fid-9 ta’ Diċembru 1997 (a fol 53), il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Micallef Trigona intitolat ‘Serq ta’ Gaffa Bobcat minn Triq Qormi Luqa nhar l-4 ta’ Frar 2002 u l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol 89).

2. Semgħet il-provi bil-ġurament.

3. Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Prosekutur u mill-abbli difensur.

4. Rat li fl-udjenza tat-13 ta’ Mejju 2009, l-imputat ammetta l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha. Il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputazzjoni numru 3 (dwar ir-riċetazzjoni) hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni.

5. Mill-atti jirriżulta li saret il-prova tar-reċidiva (ara fol 53 u fol 75) .

6. Għaldaqstant, ġaladarba l-imputat ammetta l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn huma ippruvati skond il-Liġi.

7. It-tielet imputazzjoni hija biss alternattiva.

8. Ir-raba' imputazzjoni ġiet ippruvata għax kienet ippreżentata sentenza kif ukoll tela' l-uffiċjal prosekutur u kkonferma l-identita'. Ir-reat odjern twettaq lejn tmiem it-teminu ta' ħames snin kontemplat mil-liġi.

## Konklużjoni

9. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49, 50 u 289, 261(b)(ċ), (f),(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(3), 279, 280, 281, 325 u 334(a) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, mhix tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni li hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni waqt li qed issib lill-imputat ħati tar-raba' imputazzjoni, jiġifieri dik tar-reċidiva.

10. Skond informazzjoni mogħtija mill-Prosekuzzjoni, l-imputat irritorna r-re furtiva lil sidha.

11.Għalhekk il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż ir-ritorn ta-re furtiva, u rat ukoll l-artikolu 22 tal-Kap 446, flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat u wissiet lill-imputat dwar il-konsegwenzi li jkun hemm jekk huwa jwettaq xi reat fil-perjodu indikat.

12. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex ebda espert ma tqabbad minn din il-Qorti u l-esperti l-oħra tqabbdu f'inkjesta li saret qabel is-16 ta' Jannar 2006.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------